**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2718**

**Kaz Numru: 3023/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Antoinette Calleja**

**u**

**Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Kuntratti u b'digriet datat 9 ta' Jannar, 2013, it-Tribunal jordna l-kjamat in kawza l-Onorevoli Prim Ministru**

*dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum it-Tnejn l-1 ta' Marzu, 2021**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz beda wara dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-23 ta' Mejju 2012 fejn allegat il-vittimizazzjoni u diskriminazzjoni ripetutament.

Illi d-Direttur Generali ssottometta li mhux il-legittimu kuntradittur u fit-tieni lok ir-rikorrenti nghatat trattament ugwali u dan apparti difizi ohrajn.

**Fatti**

Ir-rikorrenti qalet li bdiet tahdem bhala Director Compliance fis-27 ta' Frar 2008 u d-diskriminazzjoni u vittimizazzjoni beda mal-ewwel. Gie ndikat diversi ncidenti tul ix-xoghol tar-rikorrenti li jidhru li kienu fl-ewwel xhur ta' xoghol tar-rikorrenti ndikati fis-sottomissjonijiet tal-istess rikorrenti.

Illi fis-sottomissjonijiet tal-intimati gie rilevat li fl-ahhar erba' (4) xhur tal-impjieg taghha ma kien hemm xejn li juri li kien hemm xi vittimizazzjoni jew diskriminazzjoni.

Illi dan it-Tribunal irid jassessja l-erba' (4) xhur qabel ma r-rikorrenti ntavolat din il-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali qabel ma jidhol fil-mertu tal-kaz.

Jista' jkun pero' t-Tribunal mhux ser jidhol fil-kwistjoni jekk tul l-impjieg kollu taghha kienx hemm vittimizazzjoni jew diskriminazzjoni. Seta' kien hemm u seta' ma kienx hemm. Dan it-Tribunal mhux ser jidhol f'dan il-mertu. Minkejja li t-Tribunal qara l-ilmenti kollha huwa kostrett jevalwa l-andament tal-ahhar erba' xhur.

Il-veru test ta' din il-kawza si tratta tal-ahhar erba' xhur.

Wiehed jista' jargumenta illi l-vittimizzazjoni damet issehh tul l-impjieg taghha kif ukoll id-diskriminazzjoni sehh tul l-impjieg taghha pero' t-Tribunal huwa marbut bil-Ligi u skont l-artiklu 10 (1) tal-Legislazzjoni sussidjarja hija cara li d-diskriminazzjoni ghandu jissusisti fi zmien erba' xhur mill-ksur tal-allegat diskriminazzjoni u tirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali biex tinghata rimedju skont ma hemm indikat fl-artiklu tletin (30) tal-Att.

Il-perjodu li taghti protezzjoni lir-rikorrenti huwa perjodu bejn 23 ta' Jannar 2012 sa Mejju 2012 meta giet intavolata l-kawza.

It-Tribunal jikkonkludi li f'dan il-perjodu ossia limitat ma kienx hemm incidenti ta' diskriminazzjoni jew vittimizazzjoni u ma gie ppruvat xejn f'dan il-perjodu.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti kellha kuntratt ta' tlett snin u gie mgedded ghal sena ohra u jaraha stramba li jekk kif xehdet ir-rikorrenti kien hemm tant problemi u hassitha bi dwejjaq kbar kif ma sabitx il-kuragg u ntavolat il-kawza fil-hin propizju.

Jidher li sabet id-determinazzjoni wara li kienu waqfu l-incidenti.

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fiz-zmien moghti fil-Ligi u b'hekk tintemm il-kawza bl-ispejjes jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju